**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TAL-GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Illum: 2 ta' Ottubru 2015**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Dolores Pulo**
**(ID 682358(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Dolores Pulo, ta' 55 sena, bint Saviour u Mary nee` Cachia, imwielda Malta fid-29 ta' Ottubru 1958 u toqghod 37, Catherine, Triq Hal Qormi (Torretta) St. Venera, detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 682358(M);

Akkuzata talli fl-10 ta' Frar 2014, kif ukoll fil-jiem ta' qabel, fir-residenza numru 37, Catherine, Triq Hal Qormi (Torretta), Santa Venera

(1) Bil-lejl, kisret il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'xi mod iehor u cioe` b'inbieh tal-klieb taghha u dan bi ksur tal-Artikolu 338(m) tal-Kap. 9;

(2) Tat fastidju lil Godwin u lil Victoria Scerri b'inbieh u intejjen tal-klieb taghha meta kienet taf jew messa kienet taf li dan kien ta' fastidju ghalihom u dan bi ksur tal-Artikolu 251(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(3) U aktar talli zammet klieb minghajr il-permess mehtieg u dan ta' aktar minn kelb wiehed f'residenza f'post abitat u dan bi ksur tal-Artikolu 5(1) tal-Kap. 312 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex meta jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta` ta' Godwin u Victoria Scerri jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubblika, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Dolores Pulo b'obbligazzjoni taghha nnifisha taht penali ta' somma flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**:

L-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputata hija fis-sens illi bil-lejl, hija kisret il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'xi mod iehor u cioe` b'inbieh tal-klieb taghha, bi ksur tal-Artikolu 338(m) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Permezz tal-procedura tal-affidavit[1], **PS 1236 J. Gatt** xehed illi nhar l-10 ta' Frar 2014, huwa gie moghti *file* rigwardanti rapport dwar storbju ta' klieb maghmul minn certu Godwin u Victoria konjugi Scerri. Skond l-istess xhud, meta huwa kellem lill-kwerelanti, dawn qalulu li kienu lesti li jitilghu jixhdu dwar dan ghaliex ma felhux jibqghu ghaddejjin b'dan l-inkonvenjent. Meta dan ix-xhud dahal gewwa r-residenza tal-imputata flimkien ma' membri tad-Dipartiment tal-*Animal Welfare*, instab illi fl-istess residenza, l-imputata kellha tlettax-il kelb ta' razez differenti.

Xehed **Ivan Bugeja**, in rapprezentanza tas-Servizzi Veterinarji[2], li qal illi l-imputata ma kellha l-ebda kelb registrat fuq isimha. **Stephen Carabott**, in rapprezentanza tad-Dipartiment tal-*Animal Welfare*, xehed illi fl-10 ta' Frar 2014, wara li rcevew telefonata mill-pulizija sabiex jassistu fi spezzjoni gewwa residenza f'Santa Venera, huwa mar fuq il-post, fejn fuq il-bejt kien hemm hdax jew tnax-il kelb u tnejn ohra li kienu msakkrin go kamra isfel. Skond dan ix-xhud, l-imputata qaltilhom li l-klieb ma kellhomx *microchip.*[3] **Joel Zammit**, ukoll in

[1] A fol. 2 tal-process.
[2] A fol. 6 *et seq* tal-process.
[3] A fol. 12 *et seq*.

rapprezentanza tal-istess Dipartiment, xehed illi b'kollox kien hemm tlettax-il kelb gewwa r-residenza in kwistjoni u li dawn il-klieb ma kinux iccipjati.[4]

Il-kwerelanti xehdu f'zewg okkazzjonijiet, in ezami u in kontro-ezami. **Godwin Scerri** qal illi fil-jum in kwistjoni, huwa ghamel rapport fuq l-inbieh kontinwu tal-klieb, li din il-kwistjoni kienet ilha ghaddejja xi sentejn jew tliet snin, li dawn il-klieb kienu jinbhu l-hin kollu, li l-inbieh jigi minghand l-imputata, li l-btiehi tar-residenza tieghu u tal-imputata kwazi jmissu ma' xulxin, li fl-istess akkwati kien hemm klieb ohra, li madankollu kienu tnehhew madwar sena u nofs qabel, li huwa jaf li l-klieb huma tal-imputata ghax jarahom fil-gallarija tar-residenza taghha, minn barra u li huwa jismaghhom jinbhu f'diversi hinijiet, matul il-jum u l-lejl. Qal ukoll b'referenza ghaz-zmien li fiha kien qed jaghti x-xhieda tieghu, illi l-imputata kienet nehhiet il-klieb kollha u mill-1 ta' April 2014 ma kinux ghadhom hemm.[5] In kontro-ezami, l-istess xhud qal illi mill-bitha tieghu ghad-dar tal-imputata, minn naha ta' wara tal-bini, hemm forsi ghaxar metri distanza u li bejn it-terrazzin tieghu u l-binja tal-imputata, kien hemm terrazzin ta' terzi. Qal li ma jafx jekk kienx hemm klieb ohra fl-akkwati, izda jekk kien hemm, ma kinux idejjquh u ma kienx jismaghhom. Il-klieb kienu jinbhu f'hinijiet varji, minn filghodu sa filghaxija. Mid-dar tieghu ma kienx jista' jiftah il-bieb tat-terrazzin, ghax kien jismaghhom u jdejjquh. Qal li jaf li l-klieb kienu tal-imputata, li bil-lejl kienu jinbhu wkoll b'tali mod li kienu jdejjquh. Qal illi l-imputata m'ghadhiex toqghod hemm, anzi l-binja waqghet u qed terga' tinbena u li la darba l-klieb telqu, ma kienx hemm izjed inkonvenjent ghalih u ghal martu. Lanqas ma sema' xi klieb ohrajn.[6]

Il-kwerelanta, **Victoria Scerri**, qalet illi r-rapport sar ghaliex il-klieb tal-imputata jinbhu l-gurnata kollha sal-10.30 p.m. u li minhabba fihom la jkunu jistghu jifthu bieb u lanqas tieqa. Fil-hin tal-irqad, kemm wara nofsinhar, kif ukoll filghaxija, dawn il-klieb kienu jinbhu u hija kienet anke ppruvat tkellem lill-imputata qabel ghamlet ir-rapport. Qalet li sa fejn kienet taf hi, ma kienx hemm klieb ohra fl-akkwati. Qalet ukoll illi kif bdiet il-kawza odjerna, dawn il-klieb tnehhew u ma semghuhomx izjed.[7] In kontro-ezami, hija kkonfermat illi bejn it-terrazzin taghha u l-binja tal-imputata, hemm terrazzin iehor ta' haddiehor, li jista' jkun li haddiehor kellu klieb ukoll apparti l-imputata, li hija kienet tara l-klieb tal-imputata jinbhu fuq il-bejt u fil-gallerija, li dawn kienet tarahom minn fuq il-bejt u mit-terrazzin taghha u anke mit-triq, li kienu jinbhu b'mod kontinwu f'hinijiet varji matul il-jum,

---

[4] A fol. 15 *et seq.*
[5] A fol. 18 *et seq.*
[6] A fol. 30 *et seq.*
[7] A fol. 23 *et seq.*

wara nofsinhar x'hin jistriehu u fil-ghaxija sal-10.30 p.m. kienu jkunu ghadhom ghaddejjin. Bil-lejl kienet tismaghhom il-klieb, li kienu jqajjmuha fis-Sajf ghaliex kienet thalli t-twieqi miftuhin, ghalkemm fix-Xitwa mod iehor, ghaliex ikollhom kullimkien maghluq.[8]

**L-imputata** xehdet li matul il-jum kienet tilghab mal-klieb, f'hinijiet dicenti u li kien f'dawn il-hinijiet li kienu jinbhu izjed min-normali. Qalet illi fl-inhawi, kien hemm garaxxijiet u mhazen li kellhom il-klieb bhala *watchdogs*, li fir-residenza taghha kellha tmint iklieb fiz-zmien in kwistjoni u li wara zdiedu erbgha ohra. Skond l-imputata, il-kwerelanti ma setghux jaraw il-klieb mir-residenza taghhom, ghalkemm mit-triq setghu jarawhom, u dan ghaliex kien hemm il-*washroom* li fiha kienu joqoghdu l-klieb. Qalet illi fl-akkwati, mad-dawra kollha hemm il-klieb u li lilha gieli jqajjmuha l-klieb ta' haddiehor, izda taghha ma jinbhux.[9]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fl-ewwel lok, ghalkemm mix-xhieda ta' Godwin Scerri jirrizulta illi huwa ma kellux izjed interess f'dan il-kaz stante illi l-imputata kienet nehhiet il-klieb taghha ftit wara li beda jinstema' l-kaz u li kien lest li jirtira r-rapport tieghu, biss l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet odjerni huma tali li jinnecessitaw il-kwerela tal-parti leza sabiex jimxu 'l quddiem, apparti li dawn il-proceduri tmexxew mill-pulizija *ex ufficio.*

Fit-tieni lok, jirrizulta car mix-xhieda prodotta, illi fil-jiem li ghalihom jirreferu l-imputazzjonijiet odjerni, l-imputata kienet izzomm tlettax-il kelb fir-residenza taghha, ghalkemm hija tghid li kellha tmint iklieb. Ghalkemm l-imputata tghid ukoll illi kien hemm klieb ohrajn fl-akkwati u li ma kinux il-klieb taghha li kienu qed joholqu l-inkonvenjent lill-kwerelanti, kif ukoll illi l-kwerelanti ma setghux jaraw il-klieb taghha mir-residenza taghhom, biss kemm jekk dawn setghu jarawhom, kif ukoll jekk ma setghux jarawhom mir-residenza taghhom, certament li l-kwerelanti kienu f'posizzjoni, mir-residenza taghhom, li jkunu jafu minn fejn gejn l-inbieh tal-klieb, u dan ghaliex it-terrazzin taghhom kien qieghed biss f'distanza ta' madwar ghaxar metri mir-residenza tal-imputata. Fil-fehma tal-Qorti, anke jekk kien hemm klieb ohrajn fl-akkwati, il-fatt illi kienu l-klieb tal-imputata li kienu qeghdin jikkawzaw l-inkonvenjent lill-kwerelanti huwa evidenti mill-fatt illi fl-ewwel lok, kif inghad, minn naha ta' wara kien hemm distanza

[8] A fol. 40 *et seq.*
[9] A fol. 45 *et seq.*

qasira bejn iz-zewg residenzi u in oltre hawn ma kienx il-kaz ta' inbih minn kelb wiehed jew tnejn, izda ta' diversi klieb f'daqqa – hoss ghalhekk li f'distanza qasira, huwa facli li wiehed jiddetermina minn fejn kien gej. In oltre dan ma kienx kaz ta' inkonvenjent fuq perjodu qasir ta' zmien u ghalkemm l-imputazzjonijiet jirreferu ghal ftit jiem partikolari, biss kif jghid Godwin Scerri fix-xhieda tieghu, dan l-inbieh kien ilu jdejjaqhom ghal zmien twil u fil-fatt huwa jghid illi l-ewwel rapport kien ghamlu xi tliet snin qabel u martu tghid ukoll illi hija kienet anke kellmet lill-imputata dwar dan. Jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-kwerelanti, illi hekk kif bdiet tinstema' din il-kawza, il-klieb tnehhew mill-imputata u li minn dak iz-zmien huma ma baqghux ibatu dan l-inkonvenjent. Ghalhekk m'hemmx dubju fil-fehma tal-Qorti, illi l-inbieh tal-klieb li kien qieghed idejjaq lill-kwerelanti kien effettivament l-inbieh tal-klieb tal-imputata u li l-kwerelanti kienu jafu sew minn fejn kien gej dan l-inbieh, tant illi kienu ilhom jissaportuh ghal zmien twil.

Il-Qorti hawnhekk tirreferi ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Novembru 2011, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Marco Debono</u>**, fejn dik il-Qorti ezaminat il-kwistjoni dwar jekk hsejjes ta' tkaken ta' ziemel matul il-lejl, setghux ikunu tali li jammontaw ghar-reat fl-Artikolu 338(m) tal-Kap. 9:

"Gie ritenut li biex jirrafigura dan ir-reat jehtieg li l-hsejjes jammontaw ghal *nuisance* u cioe' li jkun hemm *substantial inconvenience and material discomfort* u li ghalhekk l-inkonvenjent irid ikun gravi u mhux facilment tollerabbli u li jkun ukoll kontinwu u intens (Appell Inferjuri, **<u>Pulizija vs Anthony Cuschieri et</u>**, 16/12/1946, XXXII.iv.1072). Sentenzi ohra hadu atteggjament aktar pragmatiku u anqas assolutista rigward dan ir-reat fejn gie ritenut li spetta ghall-Qorti minn kaz ghal kaz u skont ir-rizultanzi processwali li tivvaluta d-depozizzjoni tal-persuni li jkunu qed jilmentaw mill-inkonvenjent li tiddeciedi jekk il-hsejjes ikunux verament ta' inkonvenjent jew le mehud kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz (Appelli Inferjuri, **<u>Pulizija vs Raymond Spiteri</u>**, 20/11/1998; **<u>Pulizija v Fortun Fava</u>**, 5/2/1998). Din il-Qorti tabbraccja dan l-ahhar insenjament anki ghaliex ma hemm xejn fl-artikolu 338(m) li jista' jaghti lok ghal atteggjament divers u aktar esigenti jew rigoruz minn hekk."

F'dak il-kaz, il-Qorti kkonkludiet illi l-hsejjes tat-tkaken ta' ziemel fis-skiet tal-lejl, fil-5:30 am fix-xahar ta' Frar huwa tali li johloq dak il-grad ta' inkonvenjent li l-Artikolu 338(m) tal-Kap. 9 irid jissoprimi.

Issa f'dan il-kaz, ghalkemm l-imputata tinnega li l-klieb taghha kienu jinbhu matul il-lejl, mill-banda l-ohra, il-kwerelanti jghidu li l-klieb kienu jinbhu f'diversi hinijiet tal-gurnata u dan anke sal-10.30 p.m. u li l-inbieh anke matul il-lejl kien

idejjaqhom. Issa ghalkemm il-kwerelanta tghid illi l-klieb kienu jqajjmuhom matul il-lejl fis-Sajf, peress illi kienu jhallu t-twieqi miftuhin, fil-waqt illi fix-Xitwa mod iehor ghaliex kullimkien ikun maghluq, biss il-ksur tal-mistrieh tan-nies ma jirrizultax biss meta wiehed jigi mqajjem b'xi storbju jew hsejjes matul il-lejl, izda jista' jirrizulta wkoll meta fil-hinijiet tal-lejl u fis-skiet li dan normalment igib mieghu, wiehed jisma' certi hsejjes li jista' jinghad li jiksrulu l-mistrieh u dan mhux necessarjament billi jqajjmuh mill-irqad. Ghalkemm fis-Sajf, stante illi t-twieqi kienu jkunu miftuhin, dan l-inbieh naturalment ser jinstema' izjed, biss fix-Xitwa li ggib maghha izjed gabra u kwiet, inbieh ta' numru ta' klieb f'daqqa – u mhux sempliciment wiehed jew tnejn – fil-hemda tal-10.30 p.m., ukoll johloq dan il-ksur tal-mistrieh li minnu jilmentaw il-kwerelanti. Ghalhekk ghalkemm l-imputazzjonijiet odjerni jirreferu ghal Frar u mhux ghax-xhur tas-Sajf, il-Qorti tinsab sodisfatta fil-grad rikjest mil-ligi illi dan l-inbieh kien tali li verament kien jikser il-mistrieh tan-nies, f'dan il-kaz, il-kwerelanti, matul il-lejl. Ghaldaqstant, qed issib lill-imputata hatja tal-ewwel imputazzjoni.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni li tirreferi ghar-reat fl-Artikolu 251A tal-Kap. 9, madankollu, ghalkemm huwa minnu illi l-imputata kienet qeghda tohloq inkonvenjent lill-kwerelanti, bl-inbieh tal-klieb[10], il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marco Debono et**, moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Jannar 2014, fejn wara li rreferiet ghal sentenzi ohrajn tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Massimo Tivisini**, deciza fis-27 ta' Frar 2009 u **Il-Pulizija vs Alan Caruana Carabez** tal-21 ta' Gunju 2007 inghad hekk:

"L-artikolu 251A kien introdott fis-sena 2005 u minn dak li jidher fit-test fih inniffsu kif ukoll minn dak li rrizulta mill-kazistika kemm Ingliza kif ukoll Maltija qed ikun interpretat fejn persuna taghti fastidju lill-persuna ohra bi kliemha jew bl-imgieba taghha.

Mill-provi jirrizulta primarjament li zewg persuni jhossu li hajjithom saret infern jew bit-tisbit taz-ziemel jew bl-irwejjah li jhalli z-ziemel meta jaqdi l-htigijiet naturali tieghu.

Il-Qorti mhix tal-fehma li dan l-artikolu japplika ghal dawn l-inkonvenjenti ghaliex huwa intiz ghal sitwazzjonijiet totalment differenti."

[10] Ghalkemm din l-imputazzjoni tirreferi wkoll ghall-intejjen tal-klieb, biss mill-provi ma jirrizulta bl-ebda mod li dan kien ukoll l-ilment tal-kwerelanti.

Il-Qorti m'ghandha xejn x'izzid ma' dan. Ghaldaqstant, l-imputata mhux qed tinstab hatja ta' din l-imputazzjoni.

L-imputata giet akkuzata wkoll talli zammet klieb minghajr il-permess mehtieg ta' aktar minn kelb wiehed f'residenza f'post abitata u dan bi ksur tal-Artikolu 5(1) tal-Kap. 312. Skond dan l-artikolu:

"*Il-Kummissarju tal-Pulizija jista' jipprojbixxi detentur ta' licenza milli jzomm iktar minn kelb wiehed f'xi dar li tkun qieghda f'post abitat fis-sens tal-Kodici tal-Ligijiet ta' Pulizija*".

Dan ifisser illi dan l-artikolu tal-ligi ma jipprojbixxix awtomatikament illi persuna zzomm izjed minn kelb wiehed f'dar f'post abitat u lanqas illi persuna tehtieg permess biex izzomm izjed minn kelb wiehed f'tali dar, ghalkemm persuna tehtieg licenza biex izzomm kelb skond disposizzjonijet ohra tal-Kap. 312. Fir-rigward tal-imputazzjoni kif dedotta kontra l-imputata, ma ngabet l-ebda prova illi turi illi l-istess imputata kienet projbita mill-Kummissarju tal-Pulizija milli zzomm iktar minn kelb wiehed fir-residenza taghha fiz-zmien in kwistjoni u ghaldaqstant qed tigi lliberata minnha.

Ghal fini ta' piena dwar l-ewwel imputazzjoni, il-Qorti tqis illi ftit taz-zmien wara li sar ir-rapport mertu ta' dan il-kaz, l-imputata nehhiet il-klieb mir-residenza taghha u li fil-fatt, fiz-zmien tax-xhieda taghhom, il-kwerelanti xehdu li l-inkonvenjent kien tnehha. In oltre din l-imputazzjoni tirreferi biss ghall-10 ta' Frar 2014 u l-jiem ta' qabel.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 251A u 338(m) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 5(1) tal-Kap. 312, qed issib lill-imputata **mhux hatja** tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet u qed tilliberaha minnhom, izda qed issibha hatja tal-ewwel imputazzjoni u tikkundannaha ghal **ammenda ta' tletin Euro (€30)**.

Stante illi l-inkonvenjent illum tnehha u in oltre il-Qorti ma tarax il-htiega li torbot lill-hatja b'obbligazzjoni taghha innifisha ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9, qed tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula skond l-imsemmi artikolu.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat